**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 26 ta' April 2016**

**Rikors Numru 55/2014**

**Godfrey Zammit**

**Vs**

**Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol**
**U**
**Direttur Sigurta` Socjali u b'digriet tal-20 ta' Lulju 2015 giet kjamata fil-kawza l-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' Godfrey Zammit ipprezentat fit-22 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

*"Illi r-rikorrent kien impjegat bhala Deli Counter Supervisor mas-socjeta' Chef Choice.*

*Illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu 2010, is-socjeta' hawn fuq imsemmija itterminat l-impjieg tar-rikorrenti fuq bazi ta' 'dismissed on disciplinary grounds'.*

*Illi minhabba r-raguni mnizzla fit-termination notice tas-socjeta' Chef Choice, il-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig (E.T.C.) poggiet lir-rikorrent fuq it-Tieni Parti tar-Registru ghax-xoghol.*

*Illi minhabba l-istess zewg ragunijiet hawn fuq imsemmija, ir-rikorrenti ma kienx intitolat ghall-beneficcji tas-sigurta` socjali ghal sitt (6) xhur.*

*Illi dan l-istat ta' fatt gab diffikulta kbira ghall-ghajxien tar-rikorrenti matul dawn is-sitt (6) xhur, aktar u aktar meta wiehed iqis li huwa persuna dijabetika u allura huwa jkollu spejjez ta' kura u medicini u l-affarijiet jikkomplikaw ruhhom meta wiehed jiehu konjizzjoni tal-fatt li ma setax jiehu ghajnuna sussidjarja ghal tali medicini peress li ma setax jigi kkalkulat l-introjtu tieghu mill-awtorita` responsabbli.*

*Illi r-rikorrenti ghamel appell mal-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol sabiex jithalla jirregistra fuq l-Ewwel Parti tar-Registru, liema tali appell gie deciz nhar is-sitta (6) ta' Lulju 2010 fejn it-talba tar-rikorrenti ma gietx milqugha.*

*Illi fl-istess zmien ir-rikorrenti fetah kawza quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex jappella r-raguni tat-tkeccija li nghatat mis-socjeta' Chef Choice.*

*Illi nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2012 it-Tribunal iddecieda il-kaz billi sab illi t-tkeccija tar-rikorrenti minn mas-socjeta' intimata Chef Choice Limited 'ma kinitx ghal raguni gusta u sufficjenti', liema kopja tad-decizjoni qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok A.*

*Illi nonostante kemm is-sentenza moghtija mit-Tribunal Industrijali u kif ukoll anke rekomandazzjonijiet tal-Ombudsman, liema dokument qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok B, ir-rikorrent gie nfurmat mill-Awtorita` tax-Xoghol u t-Tahrig illi huwa ma kienx intitolat ghall-kontribuzzjonijiet ta' sitt (6) xhur minhabba l-fatt illi d-decizjoni tal-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol kienet wahda finali.*

*Illi ghaldaqstant qieghda ssir ingustizzja kbira mar-rikorrenti u dan ghaliex huwa ma thalliex jirregistra fuq l-Ewwel Parti tar-Registru minhabba r-raguni moghtija ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu, liema raguni giet stabbilita li ma kinitx wahda fattwali.*

*Illi konsegwenza ta' dan, ir-rikorrenti tilef sitt (6) xhur kontribuzzjonijiet.*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dan it-Tribunal is-segwenti:*

1. *Illi tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol fil-konfront tal-appell li sar mill-imsemmi Godfrey Zammit.*

2. *Illi bla pregudizzju ghall-ewwel talba, tordna lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u t-Tahrig sabiex thalli lir-rikorrenti jirregistra fuq l-Ewwel Parti tar-Registru ghax-xoghol.*

3. *Illi bla pregudizzju ghat-talbiet l-ohra, tordna lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali sabiex thallas l-ammont dovut f'kontribuzzjonijiet ta' sitt (6) xhur li huwa intitolat ghalihom ir-rikorrenti."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

> *"1. Illi preliminarjament, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mhux kompetenti sabiex jirrevedi att amministrattiv tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali u dan għaliex skont l-Ewwel Skeda tal-Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta), f'dak li jirrigwarda l-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta u ċjoe l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, huwa l-arbitru li huwa kkunsidrat bħala tribunal amministrattiv u mhux id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali;*
>
> *2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal fuq, anki kieku għall-ġieħ tal-argument biss, id-Direttur esponent kien elenkat fil-lista ta' tribunali amministrattivi, xorta waħda jibqa' l-fatt li d-Direttur esponent ma wettaq l-ebda att amministrattiv u għalhekk mhux il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*
>
> *3. Illi preliminarjament ukoll, għal kull buon fini, l-esponent jissottometti illi l-kopja tar-rikors tar-rikorrent li ġiet notifikata lill-esponent hija sprovvista mil-lista ta' xhieda skont kif inhu rikjest mill-Artikolu 15(2)(d) tal-Kap. 490;*
>
> *4. Illi mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal fuq, l-esponent jirrileva li mill-25 ta' Settembru 2010 ir-rikorrenti beda jipperċepixxi Għajnuna Medika u Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg u mis-26 ta' Marzu 2011 ir-rikorrenti beda jibbenefika wkoll minn Għajnuna Supplimentari;*
>
> *5. Illi l-esponent mhux edott mill-fatti ta' dan il-każ u għaldaqstant huwa jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;*
>
> *6. Illi għal kull buon fini u sabiex il-ġudizzju ta' dan il-każ ikun integru, ikun neċessarju li tiġi kjamata fil-kawża l-Korporazzjoni ta'*

*Xogħol u Taħriġ għaliex fil-preżent it-tieni talba tar-rikorrent ma tistax tiġi effettwata stante illi l-Korporazzjoni msemmija mhix parti fil-kawża;*

*7. Illi fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas tal-intimat Direttur tas-Sigurtà Soċjali li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż tal-istanti."*

Ra r-risposta tad-Direttur Sigurta` Socjaliipprezentata fl-14 ta' Awissu 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"1. Illi preliminarjament, il-proċeduri odjerni huma intempestivi u saru qabel iż-żmien għaliex ir-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedju li kellu a dispożizzjoni tiegħu fl-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ (Kap. 343 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan għaliex wara li kien hemm is-sentenza mit-Tribunal Industrijali fil-kwistjoni tax-xogħol bejn <u>Godfrey Zammit u Chef Choice Ltd</u> datata 22 ta' Frar 2012, **iċ-ċirkostanzi tar-rikorrent inbidlu** u hija l-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ l-entità kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tal-każ tar-rikorrent **mill-ġdid**;*

*2. Illi fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, iżda bla preġudizzju għalih, l-Awtorità esponenti qed tirrespinġi t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tagħha bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex waħda mill-funzjonijiet tagħha skont l-artikolu 4(1)(a) tal-Kap. 343 huwa : "li tissorvelja l-impieg u tinvestiga u taġġudika, b'dak il-mod li tista' tiddetermina, kull ilment li kull parti interessata tista' iġġib quddiemha dwar servizzi ta' impiegi u taħriġ provduti mill-Korporazzjoni;"*
*3. Illi l-Awtorità toffri rimedju ta' appell minn deċiżjoni tal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ u għalhekk kwalunkwe lment min-naħa tar-rikorrenti jrid l-ewwel jiġi dirett lejn il-Korporazzjoni u mhux lejn l-esponent."*

Ra r-risposta tal-kjamata in kawza Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig ipprezentata fl-20 ta' Ottubru 2015 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-
"

1. *Illi kull pretenzjoni bhal dik odjerna ma tista' qatt tingieb kontra l-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig minhabba li l-Korporazzjoni timxi skont il-ligi senjatament il-manwal ta' procedura (Code B) u liema manwal jispecifika li persuna li tkun tkecciet fuq bazi*

*dixxiplinarji ghandha titqieghed fit-Tieni Parti tar-Registru u mhux fl-Ewwel Parti.*

2. *Illi minghajr pregudizzjoni ghall-premess, kwalunkwe tibdil jaqa' taht ir-responsabbilta` tal-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol li rrespingiet l-Appell li ressaq ir-rikorrent Zammit. Il-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig ma ghandha l-ebda kontroll fuq dan.*

3. *Illi kwalsiasi decizjoni u danni li jistghu jkunu dovuti lir-rikorrent Zammit ghandhom jitressqu kontra terzi li kkawzaw id-danni."*

Sema' ix-xhieda ta' Melvin Cachia,[1] ta' Joseph Saliba[2] u ta' Saviour Theuma[3];

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra illi l-appell thalla ghal-lum ghal sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol u tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-istess eccezzjonijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat minn decizjoni tal-Awtorita` intimata fejn ma laqghatx it-talba tieghu sabiex huwa jithalla jirregistra fuq l-Ewwel Parti tar-Registru ghax-Xoghol u mhux fuq it-Tieni Parti tal-istess Registru. Illi l-appell quddiem l-Awtorita` intimata sehh wara li r-rikorrent kien gie mkecci mis-socjeta` li maghha kien jahdem ghal ragunijiet dixxiplinarji. Illi ghalhekk il-Korporazzjoni kjamata in kawza, abbazi ta' dak imnizzel fuq il-formula tat-tmiem ta' impjieg, poggiet lir-rikorrent fuq it-Tieni Parti tar-Registru. Jirrizulta wkoll illi sussegwentement ghal din id-decizjoni, ir-rikorrent appella quddiem l-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol biex jimpunja d-decizjoni tal-Korporazzjoni kjamata in kawza, liema Awtorita` cahdet l-appell tieghu. Sussegwentement ghad-decizoni tal-Awtorita` intimata, ir-rikorrent inghata decizjoni mit-Tribunal Industrijali fejn gie deciz illi t-tkeccija tieghu minn fuq il-post tax-xoghol kienet wahda ingusta. Ghaldaqstant ir-rikorrent qieghed isostni illi ghal sitt xhur huwa gie mcahhad milli jirregistra fuq l-Ewwel Parti tar-Registru tax-xoghol ingustament u kwindi gie mcahhad minn sitt xhur ta' beneficcji socjali li jinghataw lill-persuni li jkunu qeghdin jirregistraw fuq l-Ewwel Parti tar-

[1] A fol.28 sa 33
[2] A fol.70 sa 73 u a fol. 76 sa 81
[3] A fol.74 u 75

Registru. Illi wara li nghatat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali, ir-rikorrent xorta baqa' ma nghatax il-beneficcji socjali li kellu dritt ghalihom ghall-ewwel sitt xhur ta' dizokkupazzjoni.

Illi Joseph Saliba, rapprezentant tal-Korporazzjoni kjamata in kawza, imressaq minn dan it-Tribunal biex jispjega ahjar ghala r-rikorrent ma jistghax jibbenefika mill-beneficcji ghal dawk li jkunu qed jirregistraw fuq l-Ewwel Parti spjega illi huma, bhala Korporazzjoni, ma jistghux ireggghu l-arlogg lura. Filwaqt li l-Korporazzjoni ghamlet l-aggustamenti debiti fl-*employment history* tar-rikorrent ma tistghax tqis li r-rikorrent kien debitament qieghed jirregistra fuq l-Ewwel Parti tar-Registru peress li l-obbligi tar-registrar fuq l-Ewwel Parti tar-Registru huma differenti minn dawk tar-registrar fuq it-Tieni Parti, principalment illi min ikun qed jirregistra fuq l-Ewwel Parti tar-Registru irid jirregistra kull gimgha. L-istess xhud stqarr illi minkejja d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali, il-Korporazzjoni ma tista' taghmel xejn ghax hi marbuta biss li tirrevedi d-decizjoni taghha jekk ikun hemm decizjoni tal-Awtorita` intimata. Spjega li jekk ikun hemm decizjoni tal-Awtorita` intimata li tilqa' appell ta' individwu biex jitpogga fuq l-Ewwel Parti tar-Registru allura l-istess indivdwu jiehu l-beneficcji socjali b'lura.

Min-naha l-ohra, Saviour Theuma, rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali, stqarr illi d-Dipartiment tas-Siguta` Socjali fejn jidhlu beneficcji socjali ghad-dizimpjieg jiddependi fuq liema Parti tar-Registru tkun poggiet lill-individwu l-Korporazzjoni kjamata in kawza. Jistqarr illi jekk l-istess Korporazzjoni jinfurmaw lid-Dipartiment illi r-rikorrent mill-ewwel gurnata li spicca mix-xoghol kien intitolat ghall-beneficcji socjali, id-Dipartiment ihallas dawk is-sitt xhur b'lura.

Illi wara din l-esposizzjoni tal-fatti, it-Tribunal se jghaddi biex jezamina l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata li permez taghha eccepiet li dawn il-proceduri huma intempestivi stante li r-rikorrent, wara li kien hemm bdil fic-cirkostanzi in segwitu ghas-sentenza tat-Tribunal Industrijali, kellu rimedju mal-Korporazzjoni kjamata in kawza sabiex tiehu konjizzjoni tal-kaz tar-rikorrent mill-gdid.

Illi ai termini tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 343(Att Dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahrig):

*"(1) Il-Korporazzjoni għandha żżomm Reġistru ta' dawk il-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impieg.*

*(2) Ir-Reġistru għandu jkun jikkonsisti f'dawn it-taqsimiet separati: l-Ewwel Taqsima, għar-reġistrazzjoni ta' persuni disokkupati; it-Tieni Taqsima, għar-reġistrazzjoni ta' persuni li, mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti, jitterminaw l-impieg jew jiċħdu opportunità ta' impieg jew taħriġ, jew li xort'oħra jiċħdu jew jonqsu milli jipparteċipaw f'xi miżura jew skema ta' impieg jew ta' taħriġ tal-Korporazzjoni;..."*

Illi ai termini tal-artikolu 11 (4) kull min jikkwalifika biex jiġi reġistrat jista' jmur biex jiġi reġistrat taħt it-taqsima xierqa tar-Reġistru ta' dawk il-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impieg.

Illi mbaghad artikolu 12 (4) tal-imsemmi Att jiddisponi illi kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-Korporazzjoni tista', fi żmien ħmistax-il jum min-notifika ta' dik id-deċiżjoni, tappella lill-Awtorità intimata. Dan huwa dak li sar mir-rikorrent fejn sussegwentement l-appell tieghu gie deciz kontra tieghu, liema decizjoni, ai termini tal-artikolu 4 (2) (e) tal-Kapitolu citat hija wahda finali.

Illi mill-atti, u senjatament mid-dokumenti esebiti mir-rikorrenti bhala Dok B a fol. 63 sa 66 tal-process jirrizulta illi r-rikorrent kien gab a konjizzjoni tal-Korporazzjoni kjamata in kawza t-tibdil fic-cirkostanzi tieghu, u sahansitra dan anke permezz ta' zewg ittri mibghuta mill-Ombudsman lill-istess Korporazzjoni, fejn f'ittra minnhom datata 27 ta' Dicembru 2012 l-istess Korporazzjoni giet mitluba tawtorizza l-korrezzjonijiet mehtiega sabiex ir-rikorrent ikun jista' jithallas il-beneficcji socjali in kwistjoni retroattivament mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Mill-istess korrispondenza jirrizulta wkoll illi l-istess Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali kien spjega li r-rikorrent seta' jinghata dawn il-beneficcji retroattivament jekk il-Korproazzjoni taghmel id-debita korrezzjoni, liema fatt gie rikonfermat anke quddiem dan it-Tribunal minn Saviour Theuma.

Illi ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jqisx illi r-rikorrent b'xi mod kien intempestiv meta intavola l-proceduri odjerni u dan ghaliex huwa ghamel dak kollu li kien fil-poter tieghu li jaghmel sabiex il-bdil fic-cirkostanzi tiehu kont tieghu mill-Korporazzjoni kjamata in kawza biex b'effett ta' dan id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali ikun fi grad li jaghtih il-beneficcji socjali li huwa kien intitolat ghalihom retroattivament. Ghaldaqstant din l-eccezjoni qieghdha tigi michuda.

Illi t-Tribunal se jghaddi issa biex jezamina l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Direttur tas-Sigurta` Socjali li permezz taghha eccepixxxa li dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jirrevedi decizjonijiet amministrattivi tal-

istess Direttur ghax huwa l-arbitru li huwa kkunsidrat bhala tribunal amministrattiv biex jirrevedi l-istess atti amministrattivi.

Illi dan it-Tribunal jaqbel pjenement ma' din l-eccezzjoni. Jekk wiehed jara l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva) isib elenku ta' tribunali amministrattivi, fosthom l-Arbitru. Ghalhekk dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda kompetenza dwar kwisjtonijiet jew decizjonijiet li jittiehdu abbazi tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar is-Sigurta` Socjali) jew ligijiet ohra sussidjarji taht l-istess Att. Di piu`, mill-atti ma jirrizultax illi f'dan il-kaz kien hemm xi decizjoni tal-istess Direttur intimat fil-konfront tar-rikorrent. Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat ghandha tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata qieghed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**